# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 60

7 ta' Novembru, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajda – Kunsillier
Stephen Gauci - Kunsillier

ASSENTI

Ambaxxatur taż-żagħżagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Josette Vella Magro – Agent Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nr.60 – Laqgħa b'urġenza

60.1 – Komunikazzjoni minn naħa tas-Sindku
60.2 – Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
60.3 – Tmiem il-Laqgħa

## 60.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku

60.1.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li jsejħet din il-laqgħa b'urġenza għal-fatt li l-kumpanija li tefa' it-tender ta'l-għamara tas-sala tal-każin tal-banda, waqqa l-offerta mitfuha għal-raġunijiet ta' diffikultajiet biex ilesti fil-ħin stipulat. Il-Viċi Sindku saqsiet sakemm hija d-data biex jingħalaq il-proġett, bis-Sindku jwieġeb li l-fondi jagħlqu fl-aħħar ta' din is-sena u għalhekk qedin restritti fil-ħin. Is-Sindku qal li l-kunsill diġa ħareġ din it-tender fuq l- tal-każin darbtejn , bl-ewwel sejħa ma jkunx hemm offerti u bit-tieni waħda jkun hemm żewġ offerti mitfuha – li waħda kienet technical compliant u l-oħra ma' kienx. L-offerta li kienet technical compliant, pero l-kumpanija waqqet l-offerta mitfuha u rrinunzjat dan it-tender ħabba diffikultajiet biex ilaħħaq fil-ħin stipulat.

60.1.2 Il-kunsill qabel unanimament li terġa toħroġ it-tender biex forsi jkun hemm kumpaniji, li s-Sindku persważ li hawn, li jidħlu għal dan
il-proġett. Fil-każ li ma jkunx hemm offerti mitfuha, l-kunsill se jipprova jitlob estensjoni, u anzi se jitlob estensjoni minnufih, pero l-possibilta hija remota peress li dawn huma fondi Ewropej mill-programm l-antik u qedin ħafna stretti fuq timeframes. Il-Viċi Sindku saqsiet hux se jintilfu fondi jekk it-tender ta' l-għamara ma jkunx komplut, bis-Sindku jwieġeb li l-kunsill eventwalment jieħu biss l-fondi tat-tenders oħra tas-sala tal-każin li jkunu kompluti sa l-aħħar tas-sena.

## 60.2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

60.2.1 Is-Sindku ferraħ lill-aġent segretarja li għaddiet mill-fażi ta' intervista minn naħa tat-DNG. Is-Sa Vella Magro kienet l-uniku kandidata għal din is-sejħa għal dan il-post vokanti fil-kunsill lokali ta' Sannat. Għaldaqstant, l-kunsill bi qbil mal-kunsillieri kollha li jaċċetta b'mod immedjat il-kariga l-ġdida tas-Sa Josette Vella Magro u l-kunsillillieri ferħu lis-Sa Vella Magro għal din il-ħatra. Għaldaqstant Il-kunsill se jikteb ittra ufficcjali li l-kunsill qed jaċċetta b'mod unanimu l-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Sindku Vella, irrimarkaw li fil-kunsill hemm nies dedikati u jaf diġa x-xogħol u zġur li s-segretarja eżekuttiv il-ġdida se jsib appoġġ u għajnuna fix-xogħol tagħha għal-ġid tar-raħal ta' Sannat.

## 60.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil – 2.05 pm u ġiet aġġornata għal nhar it- Tlieta 14 ta' Novembru, fis-5.30 pm

Konfermati, illum 14 ta' Novembru 2023

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Philip Vella<br>Sindku | Josette Vella Magro<br>Aġent Segretarja |